MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 1/2008

**The Catering Company Limited (C-9806)**

**vs**

**Rosario u Claudia konjugi Tabone**
**u**
**Mario Schembri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimati ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef sitt mija u erbatax-il Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM3614.22), ekwivalenti ghal tmint elef erba' mija u tmintax-il Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8418.87) dovuti minnhom lir-rikorrenti bhala bilanc mill-prezz ta' *catering equipment* ittrasferit mir-rikorrenti lill-intimati Rosario u Claudia Tabone, ghall-**

**uzu fil-lokal "The Cherry Tree Pub" ta' Triq il-Pijunieri, Bugibba, permezz ta' ftehim ta' *hire-purchase* datat 29 ta' Marzu tas-sena 2006, (kopja annessa bhala Dok CC1). Din it-talba ghall-hlas qieghda tigi ndirizzata wkoll lill-intimat Mario Schembri, stante illi huwa sussegwentement xtara minghand l-intimati konjugi Tabone il-fond Cherry Tree, inkluz l-avvjament u l-apparat kollu li jinsab fil-hanut, u dan minkejja li kien jaf illi ghad fadal bilanc x'jithallas mill-konjugi Tabone lir-rikorrenti u illi skond il-ftehim ta' *hire purchase* il-*catering equipment* ma setax jinbiegh minghajr il-permess tar-rikorrenti;**

**L-intimati naqsu li jhallsu l-bilanc mitlub minkejja li gew interpellati diversi drabi, inkluz b'ittra legali tal-25 t'Ottubru tas-sena 2007 (Dok CC2);**

**Bl-ispejjez gudizzjarji u *extra*-gudizzjarji relattivi ghal dit-talba, inkluz ta' l-ittra legali msemmija, u tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment, kif ukoll bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimati konjugi Tabone iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment l-intimati konjugi Tabone naqsu u ma dehrux, la fil-5 ta' Novembru tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimati Rosario u Claudio Tabone ihallsu lill-istess socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlett elef sitt mija u erbatax-il Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (LM3614.22), ekwivalenti ghal tmint elef**

**erba’ mija u tmintax-il Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€8418.87);**

**Bl-ispejjez kollha ndikati fir-rikors promotur u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimati Rosario u Claudia konjugi Tabone u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-konfront ta’ l-intimat Mario Schembri.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------